MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta tat-12 ta' Lulju, 2013

Citazzjoni Numru. 214/2005

**A B**

**-vs-**

**C B**

**Il-Qorti,**

Rat iċ-ċitazzjoni tal-attriċi ppreżentata fl-1 ta' Lulju 2005 li biha l-attriċi ppremettiet illi l-kontendenti żżewġu fit-22 ta' Ġunju 1974 fil-knisja tal-Mosta, bħalma jindika d-dokument hawn anness u mmarkat bħala Dok A, mil-liema żwieġ huma kellhom żewġt itfal D u E t-tnejn maġġorenni;

Illi l-ħajja konjugali bejniethom saret impossibbli minħabba adulterju, sevizzi, minaċċi, insulti u nġurji gravi kommessi

kontra l-attriċi mill-konvenut, u minħabba li ż-żwieġ ta' bejn il-kontendenti tkisser irremedjabbilment;

Illi l-ebda rikonċiljazzjoni ma kienet possibbli minħabba l-imġieba ħażina u insopportabbli tal-konvenut u minħabba l-vjolenza li kompla juża kontra martu, tant illi l-partijiet kellhom jisseparaw *de facto* lejn l-aħħar ta' Ottubru 2001, meta l-konvenut abbanduna d-dar matrimonjali;

Illi għal dawn ir-raġunijiet, l-attriċi talbet u ottjeniet l-awtorizzazzjoni meħtieġa mill-Qorti tal-Familja sabiex tipproċedi f'din l-istanza kontra żewġha għas-separazzjoni personali u dana wara l-medjazzjoni li saret (__/__ *omissis*) u skond digriet mogħti minn din l-Onorabbli Qorti fis-6 ta' Mejju 2005, liema digriet iġib in-numru __ /__ *omissis*, hawn anness u mmarkat bħala Dok B;

Jgħid għalhekk l-istess konvenut għaliex din l-Onorabbli Qorti m'għandhiex:

1. Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali *a mensa et thoro* bejn il-kontendenti konjuġi B minħabba adulterju, sevizzi, minaċċi, insulti u nġurji gravi li l-konvenut ikkommetta kontra martu l-attriċi u / jew minħabba li ż-żewġ tagħhom tkisser irremedjabbilment, u tistabbilixxi d-data li minnha l-konvenut għandu jiġi kkunsidrat ħati tal-firda a tenur tal-Artikolu 48 (c) tal-Kap. 16 tal-Liġijiet ta' Malta.

2. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti eżisti bejniethom.

3. Tillikwida din il-komunjoni tal-akkwisti billi tiddikjara li tikkonsisti f'dak kollu li jirriżulta waqt it-trattazzjoni.

4. Taqsam din din il-komunjoni tal-akkwisti hekk likwidata f'żewġ porzjonijiet, mhux neċessarjament ugwali, liema porzjonijiet jiġu assenjati waħda lill-attriċi u l-oħra lill-konvenut, u jiġi nominat nutar sabiex jirċievi u jippubblika l-att relattiv, u kuratur għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess att.

5. Tikkundanna lill-konvenut iħallas lill-attriċi dik ir-retta alimentari għaliha li tiġi ffissata mill-Qorti, u dan taħt dawk il-modalitajiet ta' lok, ħin u żmien li tordna wkoll din il-Qorti.

6. Tapplika kontra l-imsemmi konvenut *in toto* jew *in parte* l-effetti tad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 40, 48, 51 u 52 tal-Kodiċi Ċivili.

7. Tawtorizża lill-attriċi sabiex tirreġistra fir-Reġistru Pubbliku s-sentenza illi tiġi eventwalment mogħtija minn din l-Onorabbli Qorti.

8. Tawtorizża lill-attriċi tirreverti għal kunjomha xebba Abela.

Bl-ispejjeż kollha, inkluż dawk tal-proċeduri nkorsi quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Ċivili u / jew Qorti tal-Familja kontra l-konvenut, li huwa minn issa nġunt għas-subizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-attriċi A B u l-lista tax-xhieda.

Rat in-nota tal-eċċezzjonijiet tal-konvenut C B preżentata fil-5 t'Awissu 2005, li permezz tagħha eċċepixxa bir-rispett:

Illi huwa ma jopponix għall-ewwel talba iżda għandu jiġi dikjarat li ż-żwieġ tkisser irrimedjabbilment minħabba raġunijiet attribwibbli unikament lill-attriċi, u dan kif se jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi ma jopponix għat-tieni talba sabiex il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-kontendenti tiġi ddikjarata bħala xolta.

Illi dwar it-tielet u r-raba' talba, m'hemmx oppożizzjoni u għalhekk il-Qorti għandha tipproċedi bil-likwidazzjoni tal-istess komunjoni tal-akkwisti f'żewġ porzjonijiet kif mitlub mill-attriċi fl-att taċ-ċitazzjoni.

Illi l-ħames talba għandha tiġi miċħuda u dan peress li l-attriċi għandha mpjieg tagħha u ma hemm l-ebda lok li l-konvenut iħallas lill-attriċi manteniment u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Is-sitt talba għandha tiġi miċħuda, u dan għar-raġunijiet li se jirriżultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi dwar is-seba' u t-tmien talbiet, ma hemm l-ebda oppożizzjoni.

Rat id-dikjarazzjoni maħlufa tal-konvenut C B u l-lista tax-xhieda.

Rat l-affidavits preżentati mill-partjiet fosthom dawk tagħhom stess;

Rat id-digrieti tagħha tal-21 ta' Ottubru 2005 li permezz tiegħu l-Qorti nnominat lil Dr Adrian Camilleri bħala Perit Legali, u sussegwentement rar ir-relazzjoni tal-istess espert li ġiet maħlufa fis-26 t'Ottubru 2012, (a fol 657 tal-proċess);

Rat ukoll in-nota tal-perit legali b'risposta għad-domandi in eskussjoni;

Rat il-verbali tas-seduti li saru quddiem l-imsemmi Perit Legali;

Rat id-digrieti oħra tagħha;

Rat ir-rikors tal-attriċi li permezz tiegħu talbet li l-ewwel talba titqies bħala talba għal divorzju *ai termini* tal-artikolu 66F (1) tal-Kodiċi Ċivili, u s-sentenza ta' din il-Qorti mogħtija fit-22 ta' Frar 2013 li permezz tagħha laqgħet din it-talba;

Rat l-atti tal-kawża, inkluż in-noti ta' kritika tar-rapport tal-Perit Legali, u l-verbal tas-seduta tas-26 ta' April 2013 fejn il-kawża tħalliet għas-sentenza bi qbil bejn id-difensuri tal-partijiet;

**Ikkunsidrat;**
Illi kif ġja' ngħad l-attriċi qed titlob is-separazzjoni minn ma' żewġha l-konvenut għas-soliti raġunijiet; il-konvenut da parti tiegħu rrisponda li huwa jaqbel li għandhom jisseparaw iżda l-partijiet jwaħħlu f'xulxin għal dan. Il-kawża naturalment kienet kontestata u l-Qorti setgħet tara li l-partjiet irrispondew lil xulxin dwar l-allegazzjonijiet li għamlu fil-konfront ta' xulxin. Għallinqas, pero' ma kienx hemm lanqas kwistjonijiet fir-rigward tal-minuri li kienu ġja' *ormai* saru maġġorenni. Il-Qorti għalhekk se tittratta l-vertenzi f'paragrafi għalihom. Hawn hekk kif ġja' jingħad li t-tfal li kellhom il-partijiet miż-żwieġ laħqu issa l-eta' maġġorenni u allura l-Qorti ma għandhiex deċiżjonijiet diffiċli x'tieħu fir-rigward. Biex ikun indikat x'ġara bejn il-partijiet il-Qorti se tirriepiloga l-provi illi nġabru.

**PROVI (Xhieda tal-Attriċi)**
Illi fl-affidavit tagħha (Dok MB, a fol 30) l-attriċi xehdet illi l-kontendenti żżewġu fit-22 ta' Ġunju 1974, u minn dan iż-żwieġ twieldu D u E illi llum huma t-tnejn maġġorenni u jgħixu separatament.

Illi l-attriċi xehdet li sa mill-bidunett kellha ħafna problemi fiż-żwieġ tagħha. Hija lmentat fuq il-*blue films* li kien jara l-konvenut u darba kien qalilha li hu għandu kundizzjoni medika li tiġi minn *unprotected sex*. Hija xehdet li dan il-mard kien ġej minn ħaddieħor. L-attriċi qalet li huwa kien jobbligaha jkollha x'taqsam miegħu kontra l-volonta' tagħha.

Illi skond l-attriċi mill-bidunett taż-żwieġ l-konvenut kellu nisa u ssemmi diversi nisa li allegatament kellu relazzjoni magħhom. L-attriċi xehdet li t-tgħajjir, mal-medda taż-żmien, beda jaggrava, u t-tfal ġieli semgħu t-tgħajjir.

Illi, skond l-attrici hija kienet frustrata iżda kienet taċċetta s-sitwazzjoni għaliex huwa kien jheddida li jagħmel suwiċidju u jkun kollu t-tort tagħha.

Illi l-attrici xehdet li l-problemi matrimonjali l-iktar serji bdew ċirka fis-sena 2000, meta daħlet l-isptar xi ħames darbiet wara x-xebgħat li qalgħet mill-konvenut. L-aħħar li

daħlet l-isptar kien fis-17 t'Ottubru 2001, u dan għaliex hi ġiet imsawta wara li skond il-konvenut kienet qabditu ma' F G (*vide* Dok MB1 u Dok SLH1). Inċident ieħor seħħ fit-28 ta' Ġunju 2001, meta l-konvenut waddabha t-taraġ għal isfel (Dok SLH2). It-tobba tal-emerġenza, kienu tawha n-numru tat-telefon tal-Appoġġ u fil-fatt marret għall-*counselling sessions*. Il-kontendenti biegħu d-dar matrimonjali u l-attriċi marret tirrisjedi fid-Dar Teresa Spinelli fil-fond 23, North Street, Valletta, mentri l-konvenut mar joqgħod ġo *penthouse* fil-fond ______________________ *(omissis)*.

Illi l-attriċi xehdet li l-konvenut kellu soċjeta' kummerċjali ma' F G, jisimha H (C-30632). Ir-relazzjoni adultera tal-konvenut ma' F ilha għaddejja għal ċirka 8 snin, u dan qalitu għaliex il-konvenut kien ilu sentejn qabel is-sena 2000 jaħdem *part-time* mar-raġel tagħha I G, jirranġaw id-djar antiki.

Illi l-attrici xehdet li l-konvenut kien investa ammonti ta' flus tal-komunjoni tal-akkwisti f'soċjetajiet differenti (inkluż il-H), f'*insurances*, u f'*bonds.*

Illi waqt iż-żwieġ huma dejjem kellhom ħanut tal-laħam il-_______ *(omissis)*. Dan il-ħanut kien mikri għand ommu. L-attriċi qalet li nefqu LM18,000 sabiex irranġaw il-ħanut. Hija spjegat li hija kienet titħallas ta' xogħol li kienet tagħmel fil-ħanut tagħhom, u bihom kienet tmantni l-familja u tħallas is-self; il-paga għall-ewwel kienet ċirka Lm80 fil-ġimgħa u wara ċirka erba' snin bdiet taħdem il-J bil-paga minima. Hija xehdet li minħabba li hija kienet bdiet taħdem il-konvenut kien itiha Lm50, u sussegwentement baqa' ma jtiha xejn.

Illi l-attrici qalet li dwar il-finanzi, l-konvenut kien jagħmel kollox minn wara darha, u kien iġiegħelha tiffirma karti biex ikun jista' jiġbed xi flus tal-*insurances*. Dawn l-*insurances* huma l-Prudential u l-Eagel Star. L-attriċi xehdet li l-konvenut kien qal li ħa l-flus biex iħallas spejjeż tad-dar, iżda dan mhux minnu għaliex il-kont ma' ġiex ridott.

Illi l-kontendenti skond l-attriċi, sseparaw *de facto* fl-aħħar t'Ottubru 2001, meta l-konvenut kien telaq mid-dar ġimgħa biss wara li kien taha xebgħa kbira. Huwa baqa' juża l-vann *omissis*, mentri hija kienet tuża *omissis*.

Illi l-attriċi xehdet li damet biex tibda l-proċeduri tas-separazzjoni għaliex xtaqet iżżomm il-familja maqgħuda, u għamlet minn kollox biex ssalva ż-żwieġ tagħha. Tgħid ukoll li hija lesta tinsa kollox, diment li hu jtiha dak li ħaqqha, u ċjoe' ċirka tletin sena ta' xogħol kontinwu sabiex tittejjeb il-qagħdha finanzjarja tagħhom.

Illi fis-seduta 13 miżmuma fit-12 ta' Settembru 2007, l-attriċi esebiet affidavit ulterjuri tagħha (Dok KB1), fejn qalet illi hija dejjem ħadmet fil-*business* tar-raġel; l-ewwel ġewwa *farm* li hu kellu flimkien ma' ħutu K u L B. Dan il-*farm* inbiegħ u l-konvenut fetaħ business ta' *butcher shop* għal rasu. Hija xehdet li sabiex jieħdu u jirranġaw l-fond in kwistjoni għamlu investiment ta' madwar LM18,000. Huma ssellfu dawn il-flus.

Illi l-konvenut kien jagħtiha paga ta' Lm80 pero' l-ewwel ħames snin ma kien itiha xejn. Hija ma kienetx tħallas bolla għaliex lilu, għall-finijiet ta' pagamenti ta' taxxa u bolla ma kienx jaqbillu li tidher qegħda taħdem.

Illi l-attriċi xehdet ukoll: *"illi l-paga jew manteniment tal-aħħar ġimgħa fix-xahar, jien kont ngħid lill-konvenut sabiex ma jagħtihielix u dan sabiex naġevolah fil-pagamenti tal-loan tad-dar matrimonjali"*.

Illi llum, din is-sitwazzjoni ħolqot problema fil-penzjoni tal-attriċi. Mid-Dipartiment tas-Sigurta' Soċjali, qalulha li meta tirtira, tieħu ta' Lm80 fix-xahar, u ċjoe' dik kalkolata minn kemm ilha taħdem mal-J b'paga minima.

Illi *inoltre*, dwar ix-xhieda ta' I D M in rappreżentanza tal-Prudential Assurance Company Limited (6 ta' Frar 2007), hija xehdet li fir-rigward *insurance* policies fuq il-ħajja tal-konvenut C B, dawn il-poloz ġew maħruġa fl-1 ta' Ottubru 1977 u fl-1 ta' Ottubru 1978 rispettivament, u ċjoe' matul iż-żwieġ. Hija qalet li kienu ħarġu dawn il-poloz bħala

investiment għall-futur u ma tafx tispjega għaliex dawn inħarġu f'isem il-konvenut biss. Rausi xehed li dawn il-poloz ġew itterminati qabel iż-żmien fl-1 ta' Settembru 1997 u fl-1 ta' Diċembru 2000 rispettivament, din l-aħħar data kienet biss xi xahar qabel ma sseparaw *de fact.* Mis-somom pagabbli u ċjoe' dawk ta' LM3,097.27 u LM11,254.41, l-attriċi xehdet li ma ħadet xejn. Dwar il-firma tagħha fuq id-dokument MB1 skond l-attriċi l-konvenut kien ġiegħlha tiffirma sabiex huwa jittermina dawn il-*policies*. *Inoltre*, fl-istess seduta hija ppreżentat Dok MB2 sa MB6 relattivi għal Grantee and Life Assurance li hija u l-konvenut kellhom mal-Eagle Star (Malta) Ltd. Minn dawn id-dokumenti jirriżulta żewġ poloz li nħarġu f'isem John B waħda fis-27 ta' Ġunju 1986 u l-oħra fit-28 ta' Marzu 1983; l-ewwel waħda spiċċat mingħajr ebda valur filwaqt li t-tieni waħda ġiet itterminata qabel iż-żmien għall-valur ta' Lm3064.85. Skond l-attriċi, is-sitwazzjoni b'dawn iż-żewġ poloz hija identita' għal dik taż-żewġ poloz l-oħra li kellhom mal-Prudential Assurance Company Limited, u ċjoe' ħarġu waqt iż-żwieġ tagħna bħala investiment, amministrahom unikament il-konvenut u mill-flus li ġew imħallsa mat-terminazzjoni sfurzata u prematura tagħhom, hija reġgħet ma ħadet xejn.

Illi l-attriċi ppreżentat kuntratti (seduta 3 ta' Mejju 2007), b'liema kuntratti hija ma kienet taf xejn. Il-konvenut qatt ma kien jgħidilha bil-bejgħ tal-proprjeta' tiegħu. Il-kuntratti huma:

- Kuntratt esebit datat 24 t' April 1995, dwar il-bejgħ tad-dar bla numru ______________________________ *omissis* minn liema l-konvenut biegħ sehmu flimkien ma' ommu u ħutu għall-prezz ta' Lm20,000;

- Kuntratt esebit datat 1 ta' Marzu 1994, dwar il-bejgħ tal-___________________________ *omissis*, minn liema l-konvenut biegħ sehmu flimkien ma' ommu u ħutu għall-prezz ta' Lm8,500;

- Kuntratt esebit datat 14 ta' Jannar 1992, dwar il-bejgħ ta' porzjon diviża tal-*farm* bir-raba' anness miegħu

li jġib l-isem ‘B Brothers Farm’, ġja’ *omissis* li qiegħed ___________________ *omissis*, minn liema l-konvenut biegħ sehmu flimkien ma’ ħuh l għall-prezz ta’ Lm25,000;

- Kuntratt esebit datat 5 ta’ Ottubru 1989, dwar il-bejgħ ta’ żewġ imħażen u bitħa kontigwi, minn liema l-konvenut biegħ sehmu flimkien ma’ ħuh l għall-prezz ta’ Lm7,000;

Illi l-attriċi xehdet li hija ma tafx x’saru minnhom dawk il-flus. *Inoltre* dwar il-*business*, hija qalet li wara li sseparaw *de facto* u bdew l-proċeduri legali għas-separazzjoni, l-istess konvenut iddeċieda li jagħlaq dan il-ħanut, liema ħanut għadu magħluq sal-ġurnata tal-lum.

Illi dwar il-karozzi l-attriċi xehdet li l-konvenut kien juża l-Opel Astra bin-numru tar-reġistrazzjoni __________ *omissis* filwaqt li hija kienet tuża __________ *omissis* bin-numru tar-reġistrazzjoni ___________ *omissis*. Dawn il-karozzi t-tnejn huma liċenzjati fuq il-konvenut anke għall-skopijiet ta’ *insurance*.

Illi in kontro-eżami fis-seduta miżmuma fil-21 ta’ April 2008 (seduta 17) l-attriċi xehdet li huma waqfu jgħixu flimkien qabel 2000. Hija xehdet li b’għajnejha qatt ma ratu ma’ mara oħra, pero’ kkonkludiet li kellu relazzjonijiet oħra minħabba s-swat u l-mard sesswali li huwa kellu u mill-attitudni li kellu. Il-mard sesswali skond l-attriċi kien ħareġ wara li huma kellhom it-tfal.

Illi fl-aħħar paragrafu tal-ewwel paġna tal-ewwel affidavit tagħha hija ddeskriviet inċident sar lejn l-aħħar taż-żwieġ. Hija qalet li l-konvenut kien heddidha li huwa kien sejjer jaqbeż. Kien qabad il-vann tiegħu u hija bdiet issuq warajh minħabba l-fatt li ħasbet li kien ser jagħmel suwiċidju. Huwa waqaf il-Buskett u hija ħarġet mill-karozza tagħha pero’ huwa ma kienx ġol-vann. Bdiet tfittxu iżda f’ħin minnhom ħasset lil xi ħadd jimbuttaha minn wara, u waqgħat.

Illi dwar l-*insurance policies* hija xehdet li l-konvenut kien ġie b'rabja fuq ix-xogħol tagħha u dan sabiex tmur tiffirma għar-rilaxx tal-flus.

Illi qalet ukoll matul iż-żwieġ hija kienet taħdem mal-konvenut u sal-ħin ta' meta kienet qiegħda tixhed hija kienet ilha 12-il sena taħdem il-J. Bil-'paga' li kienet tieħu hija kienet tixtri l-ikel, tħallas kontijiet eċċetra. Issa hija taqla' l-paga minima mal-J u taħdem hemm *full-time*.

Illi in kontro-eżami fis-seduta miżmuma fit-30 ta' April 2008 (seduta 18), l-attriċi qalet b'riferenza għal Dok MTB1 rigward *account* mal-BOV ___________ *omissis* xehdet li min dan il-kont hija ġieli xtrat mill-J. B'riferenza għall-istess dokument hemm indikat *withdrawal* ta' Lm3,000 f'Ottubru 1999 u qalet li ma tiftakarx b'tali ammont. Hemm ukoll ammonti ta' Lm650.20 u Lm500 f'Lulju u Settembru 2000 u dwar dawn tgħid li kienu għadhom miżżewġin u għalhekk jista' jkun li ġibdet dawn l-ammonti biex isiefru u jħallsu il-passaġġ. B'riferenza għal kelmiet *'regular transaction'* fuq dan id-dokument xehdet illi ma tafx xi jfisser.

Illi fis-seduta tal-14 ta' Mejju 2008 (seduta 19), l-attrici in kontro-eżami, xehdet li hija għandha *safe-deposit box* mal-Bank HSBC fejn iżżomm id-deheb tagħha u tat-tfal. B'riferenza għal kont mal-Bank HSBC liema kont huwa mmarkat bħala Dok AGA u fejn hemm riferenza għal ċertu A. *omissis* qalet illi hja kien sellfet xi elfejn Lira Maltija mingħandu. B'riferenza għall-istess dokument fejn hemm indikat l-isem ta' ċertu *omissis* (tranżazzjoni datata 29 Awissu 2007) fejn l-istess *omissis* jidher li ħa Lm3,000 minn dana l-kont, ix-xhud qalet li hija ma tafx min huwa dan il-bniedem.

Illi fis-seduta tal- 4 ta' Mejju 2009 (seduta 29) l-attriċi qalet li dwar il-fond _______________________ *(omissis)* li semmiet fit-tieni affidavit tagħha tgħid li din d-dar kienet tgħix ġewwa fiha N B, u ċjoe' oħt il-konvenut. Xehdet li N kienet marret tgħix ġewwa post ieħor u sussegwentement id-dar inbiegħet minn omm il-konvenut u l-flus tqassmu

bejn l-aħwa u hija ma tafx fejn marru l-flus li messu l-konvenut.

Illi dwar il-fond ____________________________ *(omissis)* li semmiet fl-istess affidavit qalet illi dina wkoll kienet proprjeta' t'omm il-konvenut u kienu joqogħdu fih il-kontendenti. Sussegwentement ħarġu u marru joqogħdu ġewwa l-fond ______________________ *(omissis)*, u dan il-*flat* inbiegħ lit-tifla ta' oħt il-konvenut u r-rikavat inqasam bejn l-aħwa, u dana tafu għax qallha l-konvenut.

Illi dwar B Bros Farm ġewwa l-Magħtab li semmiet fl-istess affidavit xehdet illi dana kien *farm* li kien xtrah missier il-konvenut, u taf illi l-aħwa, u ċjoe' K B, Joe B, u C B ħallsuh lura dawna l-flus pero' ma tafx jekk il-proprjeta' qatt daritx fuq l-aħwa. Kien sar ukoll bejgħ ta' żewġ imħażen u bitħa adjaċenti mal-*farm*, mibjugħa separatament mill-*farm*. Hija qatt ma rat il-flus rappreżentanti il-rikavat tal-bejgħ ta' dawn il-proprjetajiet u taf biss dwar dan bil-kelma.

Illi dwar il-ħruq li kellu l-konvenut fil-ħanut, il-Pulizija kienu għajtulha pero' qatt ma ħadu passi kontra tagħha.

Illi fis-seduta tad- 19 ta' April 2011 (Seduta 40) in kontro-eżami l-attriċi kkonfermat illi minn mindu bdiet taħdem mal-Big Ben il-paga tagħha tmur ġo kont intestat lilha biss. Dwar dak li xehed ir-rapprezentant tal-HSBC li qal li l-attriċi għandha kont ta' Lm31,000 qalet illi dan huwa r-rikavat mill-bejgħ tad-dar matrimonjali li mess lilha.

**(Xhieda tal-Konvenut)**

Illi l-konvenut xehed permezz ta' affidavit fejn qal li sar jaf lill-attriċi meta kellu tmintax-il sena u hi kellha ħmistax. Huwa qal li qabel is-sena 1997 l-attriċi qatt ma ħadmet barra mid-dar u kien itiha xi flus bħala manteniment. Ċaħad li qatt kellu fissazzjoni fil-*blue films* u ċaħad li kellu xi mard relatat mas-sess.

Illi l-konvenut qal ukoll li qatt ma refa' jdejh fuqha iżda darba kien ħadha l-isptar għaliex kien inqala' argument u kien laqatha, pero' dan wara li kien ġie pprovokat. Skond

hu l-attriċi ġieli kienet taqla' argument u kienet tgħajjat u twerżaq biex jisimgħuha n-nies.

Illi skond il-konvenut il-ħanut tilef ħafna klijenti minħabba l-aġir ta' A. L-attriċi kienet tmur il-ħanut u twaħħal kartelluni mal-bieb tal-ħanut tgħid ħafna affarijiet inveritieri fuq il-konvenut.

Illi l-konvenut xehed li l-attrici refgħet idejha fuqu kemm-il darba, u qala' wkoll daqqa ta' xkupa u ta' ċwievet f'wiċċu. Il-konvenut jgħid li huwa jaħdem mas-soċjeta' H Limited, għall-ewwel *part-time* u mbagħad *full-time*.

Illi l-konvenut xehed li l-*insurances* intużaw biex jħallsu d-dejn tal-ħanut u mid-dokumenti jirriżulta wkoll il-firem tagħha, li juri li hi tat il-kunsens tagħha u kien biss dawn il-proċeduri li l-attriċi tallega li huwa ġiegħelha tiffirma.

Illi l-konvenut ikkonferma li kellu *farm* flimkien ma' ħutu I u K u wara kien fetaħ ħanut B Brothers Shop fi triq ________________ *(omissis)*. Dan kollu kienu għamluh bil-għajnuna finanzjarja tal-ġenituri tagħhom. Il-*farm* li kienu jużaw l-aħwa kien xtrah missierhom. Pero' qabel ma żżewweġ il-konvenut missieru kien għamel il-*farm* fuq isem l-aħwa B u dan permezz ta' kuntratt fl-atti tan-Nutar Vella.

Illi l-konvenut xehed ukoll li meta fetaħ l-ħanut ma' ħutu kienu jieħdu xi Lm70 fil-ġimgħa kull wieħed bħala paga. Il-paga kien itiha lil A, u jkollu x'ikollu lilha kien jgħaddihomlha, meta l-bejgħ kien ikun aħjar u ġieli kienu jieħdu paga. Il-konvenut jgħid ukoll li f'xi żmien kienu ftehmu min se jaħsel il-ħanut; l-attriċi kienet offriet li taħslu hi bl-għajnuna tiegħu. L-aħwa kienu jħallsuha s-somma ta' Lm15 fil-ġimgħa. Apparti dan ix-xogħol l-attrici ma kienet tagħmel xejn. Għalhekk, skond il-konvenut l-attriċi kienet tieħu Lm85 fil-ġimgħa pero' ma jafx x'kienet tagħmel b'dawn il-flus. Għal ħabta tas-sena 2000 beda jgħaddilha inqas flus għaliex il-*business* kien mar lura ħafna.

Illi l-aħwa baqgħu jaħdmu flimkien sas-sena 1985; K iddeċieda li jiftaħ għal rasu u ha sehmu billi ħa l-ħanut ta' _______________ *(omissis)* u ħa parti mill-*farm* tal-Magħtab. Din il-qasma saret bi ftehim u kulħadd ħa parti iżda ma kienx hemm flus li nqasmu bejniethom.

Illi l-konvenut u ħuh I kien ħadu ħanut li jifforma parti mid-dar ta' ommu u missieru f'Triq ________________ *(omissis)*. Dan il-ħanut kien jużah missieru, iżda qabel ma ħaduh huma dan kien imwelli għand terzi persuni, iżda l-ħanut kien mar lura ħafna. L-aħwa kien fethu l-ħanut fis-sena 1987 u kienu wkoll jieħdu ħsieb il-*farm*. Anke wara li fetħu l-ħanut, huma baqgħu jieħdu l-istess paga, u jien baqa' jagħti l-flus li jaqla' lill-attriċi biex tara kif l-aħjar tużahom għall-bżonnijiet tal-familja.

Illi l-konvenut u ħuh I infirdu fis-sena 1992: il-konvenut ħa l-ħanut u I mar iħaddem pompa tal-petrol. Kienu neħħew il-*farm*; l-ewwel kien biegħu kwota tal-majjal u wara biegħu l-*farm* innifsu. Il-flus tal-*farm*, u ċjoe' madwar Lm20,000 kienu ġew użati biex xtara *plot* fejn bena d-dar matrimonjali. Kien xtara wkoll il-_________ *(omissis)* li tuża l-attriċi u kien ukoll flimkien ma' ħuh, ħallas xi kredituri li kellhom tal-*farm*.

Illi l-konvenut jgħid li ma kienx ħallas lil ħuh I għas-sehem tiegħu meta nfirdu. Kienu ftehmu li l-konvenut jieħu ħsieb il-kredituri tan-negozju. Dak iż-żmien il-Bank kellu jieħu madwar Lm13,000 *overdraft* li kien hemm fuq in-negozju, liema dejn kien ħallsu kollu l-konvenut. Kien ittermina l-*insurance* biex inkun jista' jħallas ċirka Lm6,000 minn dan is-self, l-ammont l-ieħor kien ħallsu permezz ta' flus li kienet tatu ommu. Il-konvenut ċaħad li qatt ħa *loan* ta' Lm18,000 kif indikat A fl-affidavit tagħha. Il-konvenut jgħid li għad-dar matrimonjali kienu ssellfu xi Lm13,000 mingħand il-Lohombus.

Illi l-konvenut xehed li ddeċieda li jitlaq mid-dar matrimonjali għaliex ma setax ikompli jsofri l-vjolenza psikoloġika u l-pressjoni żejda li kienet qiegħda tagħmillu l-attriċi. Huwa għamel diversi rapporti lill-Pulizija kontra l-mara. Qal ukoll li kienet anke tħeddu li hi għandha

*partner* u li jekk jarah itih xebgħa u ta’ dan kien għamel rapport l-għassa tal-Pulizija.

Illi meta nfirdu, l-kontendenti kienu ftehmu li huwa jieħu l-vann u hi tieħu l-karozza. L-ispejjeż tad-dar dejjem għamilhom hu, ċjoe’ huwa kien iħallas il-liċenzja tat-*television*, d-dawl u ilma, ħsarat jew bżonnijiet oħra.

Illi huwa jgħid li l-*insurances* dejjem kien jħallashom huwa u meta huwa talbitha tagħmel xi pagament l-attriċi ma riedetx. Għalhekk kellu jagħlaq il-polza tal-assikurazzjoni kontra kull parir finanzjarju. Il-flus tal-*insurance* policy ta’ Prudential kienu tħallsu dirett lill-bank, u ma kienx ħa ebda somma għaliex kienu ntużaw biex jitħallas parti mid-dejn.

Illi l-konvenut xehed li l-attriċi qiegħda tiffrekwenta lil ċertu O P.

Illi l-konvenut xehed ukoll *viva voce* u fis-seduta tal-4 ta’ Mejju 2009 (seduta 29 miżmuma mill-Perit Legali), fejn qal li ilu li għalaq il-ħanut mis-sena 2004. Huwa ppreżenta xi dokument dwar ir-*return* datat 2001 (*year of assessment 2002*); *Profit and Loss* tas-sena 2003; *VAT Returns* minn Frar 2004 sa April 2005, kif ukoll FS3 tas-sena 2005 (Dok AZ1 sa AZ8). Ippreżenta wkoll 3 rapporti magħmula minnu kontra A B (Dok AZ9 sa 11). *Inoltre* ppreżenta 4 dokumenti (AZ12 sa 15) li huma ittri li sab mwaħħlin mal-bieb tal-ħanut tiegħu. Huwa ssuppona li dawn ġew imwaħħla minn martu. Huwa qal li ommu kienet ratha twaħħalhom u dan minn ġewwa għaliex il-ħanut jinfed mad-dar u l-*main door* tal-ħanut huwa tal-ħġieġ.

Illi fis-seduta tat-8 ta’ Ġunju 2010 (seduta 34), in kontro-eżami, l-konvenut xehed li b’riferenza għal dak li ntqal minnu f’paġna 1 paragrafu 1 tal-affidavit tiegħu kkonferma illi huwa u martu kienu *de facto* separati f’dak iż-żmien. Skond hu f’dan l-inkontru huwa kien ma’ fost oħrajn F G, ir-raġel tagħha Joseph G u t-tifel tagħhom Jan G. Huwa kkonferma li kien siefer Venezia ma’ F pero’ kien hemm ir-raġel u t-tifel tagħha magħna. Din kienet safra fuq *business* tagħhom li kien tal-*‘Waterproofing’*. Huwa mar għaliex kont qed jitgħallem iwaħħal il-*membrane*. Il-

kumpanija ta' G jisimha H Co. Ltd. Qatt ma kellu x'jaqsam ma' din is-soċjeta'; kien biss impjegat ma' dina l-kumpanija.

Illi huwa xehed li kien hemm żmien meta kien beda jaħdem il-ħanut flimkien ma' ħuh u kien jagħti lill-attriċi s-somma ta' Lm85 fil-ġimgħa u ċjoe' Lm70 għall-ħajja u Lm15 għax-xogħol ta' ħasil li hi kienet tagħmel tlett darbiet fil-ġimgħa.

Illi meta beda jaħdem fil-ħanut għal rasu, il-mara kienet tgħid iżda ma kenitx titħallas. Kien imbagħad beda jtiha Lm50. Il-konvenut xehed li mill-paga tagħha qatt ma ra *'penny'* u dana għaliex xorta baqa' jħallas il-kontijiet u jixtri kollox huwa. Skond il-konvenut dawn il-Lm50 beda jtihomlha xi sitt xhur qabel ma nfirdu.

Illi huwa xehed ukoll li qatt ma kien iżomm *blue films* id-dar u qatt ma kellu mard sesswali. Huwa kkonferma li laqat il-mara bi żball meta xejjer idejh waqt argument.

Illi l-konvenut jgħid li F G qatt ma għenitu fil-ħanut.

Illi fis-seduta tal-11 ta' Ottubru 2010 (Seduta 35) il-konvenut in kontro-eżami qal li huwa mpjegat *full-time* ma' H Ltd fejn kien beda bħala *part-time*. Xehed illi huwa mpjegat biss ma' dina s-soċjeta' u ċjoe' m'għandux xogħol ieħor. Skond il-konvenut avolja impjegat *full-time* huwa m'għandux paga u jitħallas skond kemm iwaħħal *'membrane',* pero' xehed li f'sena jaqla' biss il-paga minima.

Illi dwar il-*policies* huwa xehed li l-mara ffirmathom minn jheddha. Il-*policies* kienu tiegħu u tagħha, u qal illi kellhom jieħdu ċirka Lm6,000, liema flejjes marru sabiex jitħallas *overdraft* tal-ħanut.

Illi fis-seduta tal-25 ta' Ottubru 2010 (seduta 36) l-konvenut in kontro-eżami qal li llikwida l-*policies* sabiex jħallas l-*overdraft*. Huwa ma setax iħallas il-*premia* ta' dawn il-*policies*, u kien talab lill-attriċi sabiex tibqa' tagħmel il-ħlasijiet hi u din ma riditx, u għalhekk kellhom

jiġu llikwidati. Huwa ċaħad li qatt investa fis-soċjeta' H Ltd.

Illi b'referenza għal dak li ntqal minnu f'paġna 1 paragrafu 3 tal-affidavit tiegħu qal li l-attriċi kienet tiġi man-nisa ta' ħu l-konvenut ġewwa l-*farm* li kellhom u huma kienu jgħinuhom peress illi l-*business* kien għadu qed jibda, u żied li huma ma kienux jitħallsu u l-attriċi qatt ma talbet ħlas. Il-konvenut ċaħad li l-attriċi kienet titħallas iżda fuq talba tiegħu stess dan il-ħlas ma kienx jiġi ddikjarat minħabba raġunijiet ta' taxxa.

Illi b'referenza għal dak li ntqal minnu f'paġna 4 paragrafu 1 tal-affidavit tiegħu qal illi ma jiftakarx meta ħa Lm20,000 iżda kkonferma li uża l-flus biex xtara l-art, bena u mela d-dar u qata' xi kredituri tal-*business* u xtara karozza. Biex jkompli jimla' d-dar huwa ssellef Lm13,000. Huwa qal li l-attriċi ma ħarġitx flus għal dawn l-affarijiet li semma.

Illi fis-seduta tad-19 t'April 2011 (seduta 40) l-konvenut in kontro-eżami xehed li ma ħax flus bħala *redundancy money* meta telaq mix-xogħol ma H Imports ltd. Huwa żied li għandu ___________ *(omissis)* bin-numru ta' reġistrazzjoni ___________ *(omissis)* tas-sena 1995 u li l-attriċi għandha ___________ *(omissis)*, mudell tas-snin 1980.

Illi in re-eżami huwa, b'referenza għal Dok MBZ3, xehed li l-post fejn ittieħdu dawna r-ritratti huwa d-dar matrimonjali li ġja' biegħu u ċaħad li għamel dik il-ħerba li hemm fir-ritratti.

**TORT**

Illi kif ġja' ngħad allura l-partijiet iwaħħlu f'xulxin għat-tifrik taż-żwieġ.

Illi l-Qorti wara li eżaminat sewwa l-atti, jidhrilha li għandha taqbel mal-konklużjoni tal-perit legali li għalkemm il-partijiet għamlu diversi akkużi fil-konfront ta' xulxin, dawn ma ġewx konklussivament ipprovati. Li kien jiġri żgur huwa li l-partijiet kienu jinfexxu fi ġlied qalil

kontra xulxin u mhux eskluż li għamlu xi girfa lil xulxin; spiċċaw kif ġie enunċjat f'kawżi oħra *"f'sistema costante di vessazione e di disprezzo, di oltraggio e di umiliazioni che rendono almeno inopportabile l' abitazione e la vita commune …"* **("Caterina Agius vs Benedict Agius" –** deċiża mill-Prim' Awla fit-13 ta' Ġunju 1967). Ma ssibx għalhekk li hemm lok għall-applikazzjoni tal-artikolu 48 tal-Kodiċi Ċivili.

**MANTENIMENT**

Illi l-Perit Legali ssottometta ħlas ta' mitejn u tletin Ewro (€230) fix-xahar bħala manteniment minħabba li mill-ġbir tal-provi deherlu li l-konvenut kellu biżżejjed proprjeta' biex jagħmel dan, u in vista tal-fatt li l-attriċi b'ebda mod ma ddekadiet mid-dritt tagħha għal manteniment. Il-Qorti taqbel ma dawn il-konsiderazzjonijiet u għar-raġunijiet indikati, a fol 681 u 682, se taderixxi għal dan is-suġġeriment.

**PROPRJETA'**

Illi mill-provi jirriżulta li hemm dawn il-beni:

- Vettura _______ *(omissis)* misjuqa mill-konvenut; u _________ *(omissis)* misjuqa mill-attriċi li pero' ġiet skrappjata.

- Kont il-Bank of Valletta f'isem il-konvenut u ieħor li kien f isem l-attriċi u li ġie żbankat minnha;

- Żewġ poloz tal-assikurazzjoni f'isem il-konvenut.

Illi l-Qorti anke hawn taqbel ma' ħafna mis-sottomissjonijiet tal-Perit Legali u tagħmel tagħha għall-istess raġunijiet il-konklużjonijiet, a fol 47 sa 49, tar-rapport u se tordna li l-kont tal-BOV jibqa' għand il-konvenut; il-kont tal-VISA għand l-attiriċi; il-vettura ________ *(omissis)* tiġi assenjata lill-konvenut li għaliha pero' l-Qorti se tordna ħlas ta' ekwiparazzjoni ta' elf Ewro (€1,000) [*likwidat arbitrio boni viri*] lill-attriċi. Il-Qorti mbagħad taqbel li huwa għandu jħallas ukoll is-somma ta' sittax-il elf sitt mija u disa' Ewro (€16,609) likwidata mill-

istess Perit Legali għas-saldu għall-ħlas ta' sehemha mill-poloz imsemmija wara li huwa naqqas id-depożitu żbankat mill-attriċi fuq imsemmi.

Illi dak li mhux imsemmi hawn fuq jibqa' l-proprjeta' fuq minn min huwa ntestat.

**DJUN**
**Id-djun li daħlu għalih il-partijiet wara l-2004 għandu jibqa' jġorru min daħal għalih.**

**DIVORZJU**
Illi kif ġja' ngħad l-attriċi tablet li t-talba għas-separazzjoni tinbidel għal waħda ta' divorzju skond id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 66 tal-Kodiċi Ċivili. Billi r-rekwisiti kollha ndubbjament jeżistu biex it-talba tintlaqa' u kwindi l-Qorti se tilqa' l-istess talba.

**DEĊIZJONI**
**Il-Qorti għalhekk qed tiddeċiedi l-kawża billi fir-rigward tat-talba attriċi:**

**1. Tippronunzja l-ħall taż-żwieġ skond l-artikolu 66(A) (4) tal-Kodiċi Ċivili iżda għar-raġunijiet imputabbli lill-partijiet indaqs; u tordna lir-Registratur tal-Qorti javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku biex jirregistra l-istess;**

**2. Tilqa' t-tieni talba;**

**3. Tilqa' t-tielet talba u għalhekk fir-rigward tar-raba' talba, tordna x-xoljiment u l-likwidazzjoni tal-komunjoni tal-akkwisti billi tordna l-assenjazzjoni tal-vettura __________ *(omissis)* lill-konvenut bi ħlas ta' ekwiparazzjoni ta' elf Ewro (€1,000) li l-konvenut għandu jħallas lill-attriċi immedjatament; il-kontijiet kollha bankarji lokali f'isem il-partijiet għandhom jibqgħu assenjati fuq min huma intestati; iżda dawk intestati konġuntivament, inkluż bonds, poloz ta' assikurazzjoni u investimenti oħra kollha f'Malta, kif ukoll dawk esteri li pero' wkoll huma f'isem il-partijiet**

**konġuntivament għandhom jinqasmu f'sehem ugwali bejn il-partijiet; tordna lill-konvenut għar-raġunijiet ġja' ndikati iħallas lill-attriċi s-somma ulterjuri ta' sittax-il elf sitt mija u disa' Ewro (€16,609) għas-saldu tal-poloz imsemmija li qed jiġu assenjati lilu anke jekk ġja' żbankati; kull parti għandha tħallas id-djun li daħlet għalihom f'isimha;**

**4. Tordna lill-konvenut biex b'effett mill-l ta' Lulju 2013 jħallas lill-attriċi s-somma ta' mitejn u tletin Ewro (€230) fix-xahar *rebus sic standibus*;**

**5. Tiċħad is-sitt talba;**

**6. Tilqa' s-seba' u tmien talbiet.**

**L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-partijiet f'ismha ndaqs.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------